

Brussell, 24 ta' Novembru 2017
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0351 (COD)

14775/17
ADD 1

CODEC 1892
COMER 125
WTO 287
ANTIDUMPING 18
IA 194

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-arranġament tranżitorju

Il-Kummissjoni tfakkar li l-metodu l-ġdid għandu l-għan li jżomm protezzjoni kontinwa tal-industrija tal-Unjoni kontra l-prattiki kummerċjali żleali, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw f'distorsjonijiet sinifikanti tas-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tiżgura li l-industrija tal-Unjoni ma ggarra ebda piż addizzjonali meta tkun qed tfittex il-protezzjoni offruta mill-istrument tal-antidumping, b'mod partikolari fil-kuntest ta' talbiet potenzjali ta' rieżami fl-ambitu tal-iskadenza tal-miżuri mdaħħla wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-metodu l-ġdid.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 23 u dwar l-interazzjoni mal-Parlament
Ewropew u l-Kunsill**

Il-Kummissjoni ser tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull darba li jkun beħsiebha tistabbilixxi jew taġġorna rapport skont l-Artikolu 2(6)(a), punt (c) tar-Regolament bażiku. Meta l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jgħarrfu lill-Kummissjoni li huma jqisu li l-kondizzjonijiet għall-istabbiliment jew l-aġġornament ta' rapport skont l-Artikolu 2(6)(a), punt (c) tar-Regolament bażiku jkunu ssodisfati, il-Kummissjoni tiegħu l-miżuri xierqa u tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 2(6)(a), punt (c)
tar-Regolament bażiku**

Il-Kummissjoni ser tagħmel użu malajr mill-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 2(6)(a), punt (c) tar-Regolament bażiku, li tħejji rapporti dwar id-distorsjonijiet sinifikanti, sabiex il-partijiet interessati jkollhom dawn ir-rapporti meta jħejju l-osservazzjonijiet li għalihom jista' japplika l-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku. Hija ser tipprovdi lill-partijiet interessati bi gwida dwar l-użu ta' dawn ir-rapporti.
